## 2 ta' Marzu, 1992

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Lawrence Ellul Sullivan *et noe*

*versus*

Lawrence Ciantar

## Digriet Kamerali – Digriet Interlokutorju – Sentenza – Appell minn Deċiżjoni li kkonċediet lill-Konvenut li jippreżenta Nota ta' l-Eċċezzjonijiet

*Appell mill-attur minn deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li ppermettiet lill-konvenut jippreżenta Nota ta' Eċċezzjonijiet wara li ġġustifika mal-Qorti l-kontumaċja.*

*Id-digriet jinqasmu fi tnejn – dawk kamerali li allura ma jiġux ippronunzjati viva voce u dawk interlokutorji li jiġu ppronunzjati fl-udjenza matul l-andament tal-kawża. Id-digriet kamerali minħabba l-karatteristika tagħhom imsemmija ma jistgħu qatt jiġu kkonsiderati sentenzi. Id-diffikultà ta' distinzjoni tista' kultant tirrikorri biss fil-każ ta' ċerti deċiżjonijiet – li ma jippermettux differenezjazzjoni hekk netta bejn digriet interlokutorju u sentenza.*

*Il-forma li l-Qorti tagħti lid-deċiżjoni, ħafna drabi sservi ta' gwida għad-distinzjoni, però l-enfasi fil-ġurisprudenza dejjem saret fuq dak li kien l-art. 256 ta' l-Ordinanza IV ta' l-1854 illum art. 230*

*tal-Kap. 12. Kwalunkwe deċiżjoni mogħtija minn Qorti li ma tistax mill-istess Qorti tiġi rrevokata "contrario imperio" – hija sentenza u mhux digriet.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti sabet illi l-Appell messu sar b'petizzjoni wara nota u mhux b'rikors u għalhekk kien irritu u null.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Il-Korporazzjoni konvenuta naqset li tagħmel nota ta' eċċezzjonijiet, kontra t-talba attriċi, fiż-żmien stipulat mil-liġi – art. 158(1) Kap. 12, u wara talba lill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, biex dik il-kontumaċja tiġi ġustifikata, dik il-Qorti, b'deċiżjoni tat-30 ta' Awissu 1989, laqgħet it-talba u kkonċediet lill-korporazzjoni konvenuta li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet fi żmien għaxart (10) ijiem minn dak in-nhar;

Fl-1 ta' Settembru 1989, il-kumpanija attriċi interponiet appell kontra dik id-deċiżjoni, permezz ta' rikors, u l-appellata korporazzjoni eċċepiet illi l-appell huwa null inkwantu d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti ngħata b'sentenza u mhux b'digriet, u għalhekk l-appell kellu jsir permezz ta' petizzjoni u mhux permezz ta' rikors. Din is-sentenza hija limitata għas-soluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni;

Din il-Qorti qed tiġi, għal darb'oħra mitluba biex tindika x'inhi d-differenza bejn sentenza u digriet interlokutorju – kif dawn huma kontemplati fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jsejjaħ id-deċiżjonijiet li jingħataw mill-Qorti, daqqa digrieti u daqqa

sentenzi. Huwa ovvju li *hemm differenza* bejn iż-żewġ tipi ta' deċiżjoni, u ġeneralment, id-distinzjoni ma tippreżenta l-ebda diffikoltà. Id-digrieti jinqasmu fi tnejn – dawk kamerali li allura ma jiġux ippronunzjati *viva voce* u dawk *interlokutorji li jiġu* ppronunzjati fl-udjenza matul l-andament tal-kawża. Id-digrieti kamerali, minħabba l-karatteristiċi tagħhom imsemmija, ma jistgħu qatt jiġu kkonsiderati sentenzi. Id-diffikultà *ta'* distinzjoni, tista' kultant tirrikorri biss fil-każ ta' ċerti deċiżjonijiet – li ma jippermettux differenzazzjoni hekk netta bejn digriet interlokutorju u sentenza;

Sa l-1913 ma kinux ammessi appelli minn digrieti interlokutorji qabel is-sentenza:

*"meno quando essi sono tali da precludere la via di proseguire la causa o quando le presenti leggi ne permettono l'appello" (art. 255 Ord. IV ta' l-1854)*

u dan il-fattur ta' appellabbilità, o meno, – jekk ma kienx tant iservi biss biex jiddistingwi nettament jekk deċiżjoni li waqfet il-prosegwiment tal-kawża kinitx sentenza jew digriet, b'danakollu kellu l-mertu li jindika almenu li ċerti tipi ta' digrieti **biss** kienu appellabbli;

Bl-emdenda ta' l-1913 dak l-artikolu – illum 229(1) Kap. 12, ġie jaqra hekk:

"Mid-digrieti interlokutorji jista' jsir appell sew qabel kemm wara s-sentenza definittiva"

u għalhekk – billi kull deċiżjoni saret appellabbli, **żdiedet** id-

diffikultà proċedurali – ġà preżenti qabel – biex tiġi adottata l-forma proċedurali korretta biex jiġi interpost appell – b'rikors fi żmien jumejn fil-każ ta' digriet (art. 229(2) Kap. 12) jew b'nota u petizzjoni fil-każ ta' sentenza fi żminijiet sensibbilment itwal (art. 226 Kap. 12);

Id-distinzjoni, konsegwentement, għandha rilevanza fil-prattika proċedurali, u tirrikorri fil-każ preżenti;

Il-forma li l-Qorti tagħti lid-deċiżjoni tagħha, ħafna drabi sservi ta' gwida għad-distinzjoni, però l-enfasi fil-ġurisprudenza dejjem saret fuq dak li kien l-art. 256 ta' l-Ordinanza IV/1854;

L-art. 230 Kap. 12 jiddisponi illi:

"Id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-qorti, biex titbiegħed minnhom";

Kwalunkwe deċiżjoni mogħtija minn qorti, li ma tistax, mill-istess qorti, tiġi rrevokata, "*contrario imperio*" – hija sentenza u mhux digriet;

Applikat dan kollu għall-każ preżenti, jidher l-ewwelnett illi l-forma li adottat l-ewwel Onorabbli Qorti biex tirrisolvi t-talba tal-konvenut biex huwa jiġġustifika l-kontumaċja formali tiegħu u jiġi lilu permess li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet hija dik li hija largament użata fis-sentenzi ta' dawn il-Qrati Superjuri;

It-tieni element kjarifikatur għandu jinstab fir-risposta li

tingħata għad-domanda: – Setgħet l-ewwel qorti, wara l-imsemmija deċiżjoni tagħha, tirrevokha *"contrarior imperio"* u tikkunsidra li hija mhix marbuta bid-deċiżjoni tagħha stess, inkwantu dik ma tikkostitwix ġudikat?

Jidher illi rr-risposta għal dan il-kweżit trid tkun negattiva,u l-ewwel qorti – wara li tat dik id-deċiżjoni, ma setgħetx tirreverti kollox u tiddikjara *"contrario imperio"* illi l-konvenut kien kontumaċi – u jekk ikun ippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet fiż-żmien minnha konċess, tordna l-isfilz ta' dik in-nota;

Għalhekk jirrikorru f'dan il-każ, iż-żewġ elementi kwalifikattivi tad-deċiżjoni in eżami, bħala sentenza u mhux bħala digriet. Dan jimporta illi l-appell minn dik is-sentenza kellu jsir permezz ta' petizzjoni wara nota u mhux b'rikors, kif sar;

Saret riferenza għal sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Frar 1984 fl-ismijiet Avukat dottor Paul Pullicino *noe vs* Adrian Mifsud *noe*. F'dik il-kawża l-konvenut *nomine* kien kontumaċi u l-qorti ta' l-ewwel grad ma aċċettatx il-ġustifikazzjoni offerta għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, u l-konvenut *nomine* appella permezz ta' rikors;

Din il-Qorti ddikjarat dak ir-rikors irritu u null u qalet:

"B'dik id-deċiżjoni l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-konvenut kien baqa' kontumaċi skond il-liġi, u bħala konsegwenza neċessarja ta' dik id-deċiżjoni, u fl-istess deċiżjoni ordnat l-isfilz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut... Għalhekk l-imsemmija deċiżjoni ma tistax tiġi kkunsidrata li tammonta biss għal sempliċi digriet interlokutorju li minnu jsir appell b'rikors, skond l-art.

227 tal-Kap. 15 (illum 229 Kap. 12) imma għandha tiġi kkunsidrata bħala li hija vera u proprja sentenza li minnha jsir appell bil-proċedura tan-nota u tal-petizzjoni ta' appell'';

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, l-appell interpost b'rikors kontra s-sentenza tat-30 ta' Awissu 1989 jirriżulta rritu u null;

L-atti tal-kawża għandhom jiġu rimessi lill-Qorti ta' l-ewwel grad għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni;

Spejjeż għall-kumpanija rikorrenti.